

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-11 ta' April 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Conseil d'État — Franza) — Syndicat des cadres de la sécurité intérieure vs Premier ministre, Ministre de l'Intérieur, Ministre de l'Action et des Comptes publics**

(Kawża C-254/18) <sup>(1)</sup>

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 2003/88/KE — Organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol — Protezzjoni tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema — Ħin massimu ta' xogħol ta' kull ġimgħa — Perijodu ta' referenza — Natura varjabbli jew fissa — Deroġa — Uffiċjali tal-pulizija)*

(2019/C 206/16)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Qorti tar-rinviju**

Conseil d'État

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Syndicat des cadres de la sécurité intérieure

Konvenuti: Premier ministre, Ministre de l'Intérieur, Ministre de l'Action et des Comptes publics

**Dispożittiv**

L-Artikolu 6(b), l-Artikolu 16(b) u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li ttipprevedi, għall-finijiet tal-kalkolu tal-ħin medju ta' xogħol ta' kull ġimgħa, perijodi ta' referenza li jibdeu u jintemmu f'dati kalendarji fissi, bil-kundizzjoni li din il-leġiżlazzjoni tkun tinkludi mekkaniżmi li jippermettu li jiġi żgurat li l-ħin medju massimu ta' xogħol ta' kull ġimgħa ta' 48 siegħa jiġi osservat matul kull perijodu ta' sitt xhur maqsum fuq żewġ perijodi ta' referenza fissi suċċessivi.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 211, 18.6.2018.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-3 ta' April 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Sąd Okręgowy w Poznaniu — il-Polonja) — Aqua Med sp. z o.o. vs Irena Skóra**

(Kawża C-266/18) <sup>(1)</sup>

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Protezzjoni tal-konsumaturi — Direttiva 93/13/KEE — Klawżoli inġusti f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi — Artikolu 1(2) — Kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva — Klawżola li tagħti l-ġurisdizzjoni territorjali lill-qorti ddeterminata skont regoli ġenerali — Artikolu 6(1) — Stħarriġ ex officio tan-natura inġusta — Artikolu 7(1) — Obbligi u setgħat tal-qorti nazzjonali)*

(2019/C 206/17)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

**Qorti tar-rinviju**

Sąd Okręgowy w Poznaniu

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Aqua Med sp. z o.o.

Konvenuta: Irena Skóra

**Dispożittiv**

- 1) L-Artikolu 1(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma hijiex eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva klawżola kuntrattwali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tagħmel riferiment ġenerali għad-dritt nazzjonali applikabbli f'dak li jirrigwarda d-determinazzjoni tal-ġurisdizzjoni sabiex tittieħed konjizzjoni tat-tilwim bejn il-partijiet kontraenti.
- 2) L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix regoli proċedurali, li għalihom tagħmel riferiment klawżola tal-kuntratt, li jippermettu lill-bejjiegħ jew fornitur jagħżel, fil-każ ta' rikors għal nuqqas ta' eżekuzzjoni allegat ta' kuntratt mill-konsumatur, bejn il-qorti li għandha ġurisdizzjoni fuq id-domiċilju tal-konvenut u dik li għandha ġurisdizzjoni fuq il-post ta' eżekuzzjoni tal-kuntratt, sakemm l-għażla tal-post ta' eżekuzzjoni tal-kuntratt ma tkunx tikkawża, għall-konsumatur, kundizzjonijiet proċedurali tali li jkun ta' natura li jillimitaw b'mod eċċessiv id-dritt għal rimedju effettiv mogħti lill-mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, fatt dan li għandu jiġi vverifikat mill-qorti nazzjonali.

(<sup>1</sup>) ĠU C 249, 16.7.2018.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-10 ta' April 2019 — The Green Effort Ltd vs L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), Fédération internationale de l'automobile (FIA)**

**(Kawża C-282/18 P) (<sup>1</sup>)**

**(Appell — Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedura għat-tressiq ta' kawża — Termini — Notifika b'mod elettroniku — Kalkolu tat-termini)**

(2019/C 206/18)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Appellanti: The Green Effort Ltd (rappreżentant: A. Ziehm, Rechtsanwalt)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent), Fédération internationale de l'automobile (FIA) (rappreżentanti: M. Hawkins, solicitor, T. Dolde u K. Lüder, Rechtsanwältin)

**Dispożittiv**

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) The Green Effort Limited hija kkundannata tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) u dawk tal-Fédération internationale de l'automobile (FIA).

(<sup>1</sup>) ĠU C 285, 13.8.2018.